MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2010

Numru 6/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Bedredeen FM Alghangha**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 6 tas-sena 2008 kontra l-akkuzat Bedredeen FM Alghangha, li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fis-sitta w għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007), il-pulizija tal-iskwadra kontra d-droga ġew infurmati mill-uffiċjali tad-dwana tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li kienet instabet sustanża suspettuża ġewwa bagalja appartenenti lil passiġier ta' Nazzjonalita' Libjana li kien għadu kif wasal Malta minn fuq titjira tal-Airmalta minn Tunis bin-numru KM681 (Airmalta). Meta' l-pulizija marru fuq il-post l-akkużat ġie identifikat bħala l-persuna li kellu din il-

bagalja fil-pussess tiegħu, liema fatt effettivament ġie kkonfermat minnu.

Illi mill-investigazzjonijiet irriżulta li fis-sitta w għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007) kif ukoll fil-jiem ta' qabel, l-akkużat Bedredeen F.M. Alghangha, ddeċieda illi jibda jmexxi w jittraffika fid-droga herojina. L-akkużat kien ftiehem ma' persuna oħra li kellha tgħaddielu l-imsemmija droga biex imbagħad l-akkużat jikkonsenjaha lill-persuni oħra f'Malta. Għas-servizz tiegħu li jżomm u jittraffika d-droga herojina, l-akkużat kellu jitħallas ammont konsiderevoli ta' flus. In esekużżjoni ta' dan il-pjan maħsub minn qabel l-akkużat Bedredeen F.M. Alghangha ġie Malta fis-26 ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007) biex jittraffika l-imsemmija droga. Fortunatament, l-akkużat inqabad mill-pulizija dakinhar tas-sitta w għoxrin ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007) fiċ-ċirkostanzi hawn fuq imsemmija. Fil-fatt minn analiżi w eżamijiet li saru wara minn esperti forensiċi, ġie konfermat li din is- sustanza kienet effettivament d-droga imsemmija fl-ammont ta' elf erba' mija wieħed u ħamsin punt seba' grammi (1451.7grammi) ekwivalenti għal madwar kilo u nofs u ċioe' mediċina perikoluża li titqies bħala sustanża illegali skond il-Liġi tagħna, liema sustanża għandha l-valur ta' bejn disgħa w sittin, sitt mija wieħed u tmenin Euro (€69,681.60) u mija w sebghat elef, erba' mija w ħamsa w għoxrin Euro (€107,425).

Illi b'għemilu l-imsemmi Bedredeen F.M. Alghangha sar ħati talli assoċja ruħhu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Bedredeen F. M. Alghangha ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga oħra

f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija għal għomru w multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il- Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 20, 22(1)(a)(f)(1A) (1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi w fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi minħabba n- natura taċ-ċirkostanzi li seħħew fis-sitta w għoxrin (26) ta' April tas- sena elfejn u sebgħa (2007) u ċioe' kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża, rriżulta li l-akkużat volontarjament u xjentement għamel vjaġġ minn Tunis lejn Malta permess tat-titjira bin–numru KM681(Airmalta), fejn tul il-vjaġġ kollu kellu l-pussess xjenti ta' bagalja kontenenti s-sustanża li nstabet u li sussegwentement irriżultat li hi d- droga herojina, li tirrapreżenta mediċina perikoluża w sustanża llegali skond il-liġijiet tagħna. Dan il-vjaġġ sar bil-kunsens tal-akkużat stess, tant li hu xjentement ħallas għall-passaġġ tal-ajru bi flusu bl-għarfien tal-iskop tal-vjaġġ u tal-kontenut tal-bagalja fil-pussess tiegħu tul il-vjaġġ kollu. Effettivament li kieku l-uffiċjali tad-dwana ma' ndunawx bis-sustanza suspetuża, din il-bagalja kienet ser tgħaddi f'idejn terzi persuni ġewwa Malta bi ftehim mal-akkużat li faċilment setgħu jittraffikawha għal skopijiet ta' lukru.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li

tawtorizza l-importazzjoni tad- droga perikoluża msemmija.

Illi b'għemilu l-imsemmi Bedredeen F.M. Alghangha sar ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (eroina) f'Malta bi ksur tad- disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma kellhux liċenżja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l- imsemmija Ordinanża li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Bedredeen F. M. Alghangha, ħati talli importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijeit tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtorizazzjoni maħruġa taħt l-imsemmi Ordinanża li tawtorizza l- importazzjoni ta' dak l-oġġett;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi u fl-artikoli 23 u 533 tal- Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt l-istess inċident li seħħ fis-sitta w għoxrin (26) ta' April tas-sena elfejn u sebgħa (2007) konċernanti l-akkużat, u ċioe' waqt iċ-ċirkostanzi imsemmija fl-

ewwel u fit-tieni Kap ta’ din l-Att tal-Akkuża, rriżulta wkoll illi waqt it-tijira minn Tunis lejn Malta permezz tat-titjira numru KM681 (Airmalta) hu volontarjament u xjentement kellu fil-pussess tiegħu l- bagalja konsistenti mill-herojina misjuba waqt il-vjaġġ lejn Malta w li kienet intenzjonata għal persuni oħra peress li l-imsemmija bagalja kienet ser tgħaddi f’idejn terżi bi ftehim mal-akkużat sabiex is-sustanza llegali tiġi traffikata għal skopijiet ta’ lukru. Illi fortunatament l-uffiċjali tad-Dwana indunaw b’din is-sustanza illegali w l-akkużat ġie arrestat.

Illi ma kien hemm l-ebda liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l- Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi li tawtoriżża lill-akkużat sabiex iforni, jimporta, jesporta, jimmanifattura jew jipprokura d-droga perikoluża msemmija.

Illi b’għemilu, l-imsemmi Bedredeen F. M. Alghangha sar ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma’ kellu liċenzja mill- Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma’ kien awtoriżżat bir-Regoli ta’ l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Droga Perikolużi jew minn xi awtorita’ apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta’ awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall- esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id- disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort’oħra awtoriżżat li jimmanifattura d-droga msemmija, w mingħajr ma’ kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Bedredeen F. M. Alghangha, ħati talli forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f’dawn il-Gżejjer jew x’imkien ieħor, jew

avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma' kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall- importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, w miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga;

Talab li jingħamel skond il- Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija w tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regola 4(a) tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi (N.G. 292 ta' 1939) u fl-artikoli 23, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba' Kap illi finalment u dejjem b'referenza għall-inċident li seħħ kif debitament imsemmi fl- ewwel tlett kapi ta' din l-Att tal-Akkuża, minħabba l-fatt li l-bagalja in kwistjoni kienet indubbjament fil-pussess tal-akkużat u minħabba l-fatt li s-sustanza suspettuża li nstabet ġo fiha irriżultat, wara l-analiżi meħtieġa li saru, li kienet id-droga herojina w cioe' mediċina perikoluża w illegali ai termini tal-Liġijiet tagħna, rriżulta li l-akkużat kien fil-pussess xjenti ta' sustanza perikoluża skond il-Liġi. L-akkużat m'għandux problema ta' droga w kwindi din is-sustanza perikoluża ma' kienitx intiża għall-użu personali tiegħu, iżda kif spjegat fil-kapi preċedenti, kienet intiża sabiex tiġi ttraffikata.

Anki f'dan il-każ, l-akkużat ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni jew liċenżja maħruġa mill-Liġi li tippermettilu jkollu fil-pussess tiegħu din is- sustanża perikoluża.

Illi d-droga herojina hija msemmija fit-Taqsima 1 ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar iil-Mediċini Perikolużi.

Illi b'għemilu l-imsemmi Bedredeen Alghangha sar ħati talli, kellu fil- pussess tiegħu d-droga herojina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit- Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l- Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtoriżżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id- droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir- Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill- imsemmi Bedredeen Alghangha ħati talli, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi, w li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall- importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal- Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il- Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtoriżżat bir-

Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga w dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu;

Talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' għomor il-ħabs u multa ta' mhux inqas minn elfejn tlett mija u tletin Euro (€2330) iżda mhux iżjed minn mija w sittax il-elf u ħames mitt Euro (€116,500) u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15(A), 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi w ir-regola 9 tar-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id- Drogi Perikolużi w fl-artikoli 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih bi tmin (8) voti favur u b'vot (1) kontra sabu lil Bedredeen FM Alghangha hati tal-ewwel, it-Tieni w ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza w b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabuh hati tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza, b'dana illi r-reat taht ir-Raba' Kap ma kienx reat kontinwat.

Tiddikjara ghalhekk lil Bedredeen FM Alghangha hati talli

1. fis-26 ta' April, 2007, kif ukoll fil-jiem ta' qabel assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta w ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex jimporta, jbiegħ jew jittraffika mediċina w droga eroina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi, jew ippromwova, kkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni, w dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

2. fis-26 ta' April, 2007, importa, ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tista' tiġi importata mediċina perikoluża (herojina) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanża dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap 101) u ċioe' meta' ma' kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanża li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

3. fis-26 ta' April, 2007, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina lil xi persuna jew għal xi persuna, f'dawn il-Gżejjer jew x'imkien ieħor, jew avża l-imsemmija droga għall-bejgħ, mingħajr ma' kellu liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa w mingħajr ma' kien awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorita' apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, w mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura d-droga msemmija, w miingħajr ma' kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga, w dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

4. fis-26 ta' April, 2007, kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina meta' ma' kienx fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, w meta' ma' kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, w ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogtħija mill-Ministru responsabbli għad-dipartiment tas-Saħħa w ma' kienx awtorizżat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga w dik id-droga ma' ġietx fornita lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, w b'dan li r-reat sar taħt tali ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma' kienx għall-użu esklussiv tiegħu,

b'dana illi r-reat taht ir-Raba' Kap ma kienx reat kontinwat, w dana skond ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuza.
Rat il-fedina penali aggornata tal-hati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminata mid-difiza, liema fedina penali hija wahda incensurata.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Joseph Mifsud, li jinsabu kollha registrati w cioe' illi ghalkemm il-hati kien gie Malta diversi drabi qatt ma kien kiser difrejh mal-Ligi w li meta kkommetta r-reati in kwistjoni kien ghadu ta' eta' zghira.

Qieset dak li qalet l-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco li ghalkemm li dak li qal id-difensur kien minnu, l-Qorti kellha toqghod fuq il-parametri tal-piena minnha stabbiliti f'kazijiet analogi.

Ikkunsidrat :

Illi r-reati taht l-ewwel, it-tieni w it-tielet kapi tal-att ta' l-akkuza ghall-fini tal-piena huma assorbiti f'xulxin kif ukoll fir-reat taht it-tielet kap tal-Att tal-Akkuza stante li servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat taht dan it-tielet kap a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali, (ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem"** [31.10.2002] , **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hasan Omar Ibrahim Farag"** [15.5.2003] u ohrajn) kif ukoll ghax bejn it-tieni w ir-raba' kap hemm il-konkors formali jew ideali.

Il-Qorti terga' ttenni li dawn ir-reati ta' importazzjoni ta' droga mill-erbat irjihat tad-dinja ghal go din il-gzira zghira ma jistghux ma jitqisux b'mod gravi mill-Qrati billi qed jimminaw il-fibra morali tas-socjeta' Maltija w partikolarment taz-zghazagh Maltin u Ghawdxin li huma l-aktar vulnerabbli ghal dan l-attakk koncertat minn nies li jpoggu l-arrikkiment personali taghhom il-fuq mill-hajja w mis-sahha ta' tant vittmi tan-negozju nefast taghhom.

Ghalhekk il-Qrati jridu jaghtu messagg car li dawn it-tip ta' reati jridu jsibu l-id iebsa tal-ligi li tistronkhom bl-aktar mod impenjattiv.

Din il-Qorti fl-istess hin qieset sentenzi ohra taghha stess fejn l-ammont ta’ droga importata w traffikata kien jikkompara ma’ dak tal-kaz odjern u dana biex kemm jista’ jkun tinzamm proporzjonalita’ bejn sentenza w ohra f’kazijiet simili.

Wara li qieset dan kollu, w wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14, 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(bb)(3A)(a)(b)(c)(d) u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi w ir-regoli 4(a) u 9 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi (N.G. 292 ta’ 1939) w l-artikoli 17(h), 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-hati Bedredeen FM Alghangha ghall-piena ta’ tmintax (18) il-sena prigunerija, w ghall-multa komplessiva ta’ erbghin elf Ewro (€40,000) li jekk ma tithallas puntwalment tigi konvertita f’terminu ulterjuri ta’ tmintax (18) il-xahar prigunerija kif ukoll li jhallas is-somma ta’ disa’ mija u ghaxar Euro u sittax Euro centezmi (€910.16) import ta’ l-ispejjez tal-perizji, b’esklussjoni pero’ ta’ dawk tat-tieni relazzjoni tal-espert Mario Mifsud fl-ammont ta’ LM 41.00 ekwivalenti €96.46, liema relazzjoni kienet tirrigwarda biss l-istima tal-valur tad-droga importata, liema stima ma kienitx strettament necessarja ghall-fini tal-Ligi.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru r-reati w il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati.

Tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mill-lum, jigu konvertiti f’ terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-ispizjar Mario Mifsud u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti,

li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------